DUN ĠORĠ PRECA TAĦT INKJESTA (4)

L-aħħar xhieda

ROBERT ALOISIO/robertaloisio@gmail.com



Ġannina Cutajar, Superjura Ġenerali tal-Museum, tfajla ta' 23 sena, kienet imbeżżgħa meta ssejħet biex tidher quddiem il-Kummissjoni. Biex jagħmlilha kuraġġ, missierha Anġlu mar magħha

Mitt sena ilu bħal dan iż-żmien, Dun Ġorġ Preca kien għaddej mill-prova tan-nar ta' ħajtu meta l-Knisja Maltija ta' dak iż-żmien, immexxija mill-Isqof Mawru Caruana, fetħet inkjesta fuq is-Soċjetà tal-Museum, li Preca kien waqqaf fl-1907.

IX-XHIEDA TAL-KAPPILLAN TAL-ĦAMRUN

Din kienet xhieda importanti għax is-Soċjetà tal-Museum kienet bdiet proprju fil-Ħamrun u Dun Ġorġ kien saċerdot fil-Parroċċa tal-Ħamrun. Il-Kappillan Muscat kellu stima kbira ta' Dun Ġorġ u s-Soċjetà mwaqqfa minnu.

Id-Disa' Sessjoni, 7 ta' April, 1916. Jidher il-Wisq Reverendu Saċerdot Dun Ġużepp Muscat, Kappillan tal-Ħamrun, li taħt ġurament se jixhed.

Kummissjoni: Kemm hemm mill-hekk imsejħa "mużewijiet" fil-parroċċa tiegħek? (Fl-Atti tal-Kurja hemm biss it-tweġibiet tax-xhieda, imma mill-kliem li bih jibdew iwieġbu wieħed faċilment jassumi x'kienu l-mistoqsijiet)

Kappillan tal-Ħamrun: Fil-parroċċa tiegħi jeżistu tliet mużewijiet għas-subien u wieħed għall-bniet.

Kummissjoni: X'tikkummenta fuq l-imġiba tas-soċji tal-Mużew?

Kappillan tal-Ħamrun: Lis-soċji li jifformaw dawn il-mużewijiet nafhom, kemm superjuri kif ukoll dipendenti, u huma lkoll ta' kondotta mill-aqwa, u kważi kollha jitqarbnu kuljum.

Kummissjoni: X'tikkummenta fuq it-tfal li jattendu l-Mużew?

Kappillan tal-Ħamrun: Kull nhar ta' Ħadd, it-tfal tagħhom jiġu l-Oratorju għall-Quddiesa u għat-Tqarbin, u waranofsinhar għarużarju.

Kummissjoni: X'tikkummenta fuq it-tagħlim kif isir fil-Mużew?

Kappillan tal-Ħamrun: L-iskop ta' dawn il-mużewijiet huwa t-tagħlim tal-katekiżmu kif ukoll l-edukazzjoni Kattolika tas-subien u l-bniet. It-test tad-duttrina għat-tfal kien approvat minni. It-teologi (kif kienu jissejħu s-soċji), iżda, jużaw xi noti miġburin minn Dun Ġorġ Preca, jew minn xi soċji oħrajn tiegħu. Dawn jaqsmu flimkien siltiet mill-Evanġelju li jispjegaw lit-tfal f'forma ta' prietka jew konferenza. Jiena moralment ċert li ma jgħallmux ħwejjeġ kontra l-fidi. Id-direzzjoni interna tagħhom tingħata mill-qassisin, li huma parti mill-korp.

Kummissjoni: Kif jaħdem il-Mużew fi ħdan il-parroċċa?

Kappillan tal-Ħamrun: Mhemmx relazzjoni bejn il-membri tal-Mużew irġiel u dak tan-nisa. Dawn il-mużewijiet tal-bniet jiddependu aktar mis-superjura assenjata mis-saċerdot Preca, milli minnu stess, u dan biex jevita l-frekwenza żejda f'dan il-mużew tal-bniet.

Jien imbagħad nipprova nissorvelja dawn il-mużewijiet. Meta ngħid "sorveljanza", din hija xi ħaġa kollha tiegħi, volontarja, u mhux mitluba, għax kemm biex jiġu aċċettati l-membri u kemm għall-ftuħ u l-organizzazzjoni tal-mużewijiet, jien qatt ma ġejt ikkonsultat, u minn dan jien ma nilmentax għax naf sew lis-Saċerdot Preca, il-ħila tiegħu, u l-ispirtu tiegħu.

Kummissjoni: X'taf fuq il-vot tal-manswetudni?

Kappillan tal-Ħamrun: Biex jappartjenu għall-Mużew, il-membri jridu jieħdu vot tal-manswetudni, u dan taħt ħtija ta' dnub venjal: safejn naf jien.

Kummissjoni: Xi frott tara li joħroġ mill-hekk imsejjaħ "Mużew"?

Kappillan tal-Ħamrun: Imġiba li mhemm xejn x'tgħid kontriha u edifikanti tal-membri kollha: kemm irġiel kif ukoll nisa, għax nara li dawk li ma jissodisfawx lis-superjuri tagħhom fl-imġiba tagħhom jitkeċċew mill-ewwel jew jitilqu. Nara l-ġid li joħroġ mit-tagħlim reliġjuż. Fiċ-ċirkostanza ta' Violi u (Manwel) Dimech, il-membri ġabu ruħhom tajjeb ħafna u pattew bil-kbir għall-iżbalji tagħhom.

Anke barra mill-Mużew, f'ċerti inkontri, il-membri jġibu ruħhom tajjeb u jafu jwieġbu tajjeb għal ċerti difikultajiet u jirribattu ċerti żbalji. Hija ta' min ifaħħarha l-missjoni tagħhom li jsejħu mill-ġdid lil dawk li traskuraw il-ħajja Nisranija. Żdiedet ukoll il-frekwenza tas-sagramenti.

Kummissjoni: X'ma tapprovax fis-Soċjetà hekk imsejħa "Mużew"?

Kappillan tal-Ħamrun: Ma napprovax l-ismijiet taddjar u tal-Kumpanija. Li s-soċji nisa għandhom f'idejhom noti tat-teoloġija. Il-pallju: jew id-distintiv tagħhom. Daqsxejn spirtu li jżommu 'l bogħod minn qaċa?

Kappillan tal-Ħamrun: Mhemmx relazzjoni bejn il-membri tal-Mużew irġiel u dak tan-nisa. Dawn il-mużewijiet tal-bniet jiddependu aktar mis-superjura assenjata mis-saċerdot Preca, milli minnu stess, u dan biex jevita l-frekwenza żejda f'dan il-mużew tal-bniet.

Jien imbagħad nipprova nissorvelja dawn il-mużewijiet. Meta ngħid "sorveljanza", din hija xi ħaġa kollha tiegħi, volontarja, u mhux mitluba, għax kemm biex jiġu aċċettati l-membri u kemm għall-ftuħ u l-organizzazzjoni tal-mużewijiet, jien qatt ma ġejt ikkonsultat, u minn dan jien ma nilmentax għax naf sew lis-Saċerdot Preca, il-ħila tiegħu, u l-ispirtu tiegħu.

Kummissjoni: X'taf fuq il-vot tal-manswetudni?

Kappillan tal-Ħamrun: Biex jappartjenu għall-Mużew, il-membri jridu jieħdu vot tal-manswetudni, u dan taħt ħtija ta' dnub venjal: safejn naf jien.

Kummissjoni: Xi frott tara li joħroġ mill-hekk imsejjaħ "Mużew"?

Kappillan tal-Ħamrun: Imġiba li mhemm xejn x'tgħid kontriha u edifikanti tal-membri kollha: kemm irġiel kif ukoll nisa, għax nara li dawk li ma jissodisfawx lis-superjuri tagħhom fl-imġiba tagħhom jitkeċċew mill-ewwel jew jitilqu. Nara l-ġid li joħroġ mit-tagħlim reliġjuż. Fiċ-ċirkostanza ta' Violi u (Manwel) Dimech, il-membri ġabu ruħhom tajjeb ħafna u pattew bil-kbir għall-iżbalji tagħhom.

Anke barra mill-Mużew, f'ċerti inkontri, il-membri jġibu ruħhom tajjeb u jafu jwieġbu tajjeb għal ċerti difikultajiet u jirribattu ċerti żbalji. Hija ta' min ifaħħarha l-missjoni tagħhom li jsejħu mill-ġdid lil dawk li traskuraw il-ħajja Nisranija. Żdiedet ukoll il-frekwenza tas-sagramenti.

Kummissjoni: X'ma tapprovax fis-Soċjetà hekk imsejħa "Mużew"?

Kappillan tal-Ħamrun: Lis-soċji li jifformaw dawn il-mużewijiet nafhom, kemm superjuri kif ukoll dipendenti, u huma lkoll ta' kondotta mill-aqwa, u kważi kollha jitqarbnu kuljum.

Kummissjoni: X'tikkummenta fuq it-tfal li jattendu l-Mużew?

Kappillan tal-Ħamrun: Kull nhar ta' Ħadd, it-tfal tagħhom jiġu l-Oratorju għall-Quddiesa u għat-Tqarbin, u waranofsinhar għarużarju.

Kummissjoni: X'tikkummenta fuq it-tagħlim kif isir fil-Mużew?

Kappillan tal-Ħamrun: L-iskop ta' dawn il-mużewijiet huwa t-tagħlim tal-katekiżmu kif ukoll l-edukazzjoni Kattolika tas-subien u l-bniet. It-test tad-duttrina għat-tfal kien approvat minni. It-teologi (kif kienu jissejħu s-soċji), iżda, jużaw xi noti miġburin minn Dun Ġorġ Preca, jew minn xi soċji oħrajn tiegħu. Dawn jaqsmu flimkien siltiet mill-Evanġelju li jispjegaw lit-tfal f'forma ta' prietka jew konferenza. Jiena moralment ċert li ma jgħallmux ħwejjeġ kontra l-fidi. Id-direzzjoni interna tagħhom tingħata mill-qassisin, li huma parti mill-korp.

Kummissjoni: Kif jaħdem il-Mużew fi ħdan il-parroċ